**13 ta' April, 1965**

**Imħallef:**

**Onor. Dr. M. Caruana Curran B.A., LL.D.**

Emmanuele Degiorgio

*versus*

Lourdes Degiorgio

**Kontumaċja — Art. 158(3) Kod. Proċ. Ċiv.**

*Ma jistax ikun hemm ġustifikazzjoni tal-kontumaċja jekk din tkun almenu kolpuża.*

Il-Qorti, rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur talab (1) li tiġi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti għall-ħtijiet imputabbli lill-konvenuta (2) il-kura tal-ulied minuri (3) iċ-ċessazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti, u (4) l-applikazzjoni kontra l-konvenuta tad-dekadenzi kontemplati fl-art. 56 u 57 tal-Kodiċi Ċivili.

OMISSIS;

Fuq l-inċident sollevat mill-attur skond ma jirriżulta mill-verbal tas-seduta tas-26 ta' Jannar, 1965, ċjoè, it-talba tiegħu għall-isfilz tan-nota ta' l-eċċezzjonijiet u dikjarazzjoni tal-konvenuta peress li dawna ġew preżentati tardivament.

OMISSIS;

Ikkunsidrat:

Illi ma hemmx dubju f'dan il-każ li n-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta ġiet preżentata serotinament, in kwantu t-terminu għal dan l-iskop kien jiskadi s-Sibt, 31 ta' Ottubru, 1964, mentri hija ġiet preżentata fit-3 ta' Novembru, (vide, fol: 10 tergo). Il-jumejn intervenjenti kienu festa kmandata u vakanza pubblika rispettivament. Għalhekk għalkemm il-kawża kienet appuntata għall-ewwel dehra għall-5 ta' Novembru, t-terminu għall-preżentazzjoni tan-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta kien jiskadi fl-imsemmi 31 ta' Ottubru, għaliex il-liġi tirrikjedi li din in-nota tiġi ppreżentata mhux anqas minn jumejn tax-xogħol qabel il-ġurnata mogħtija għas-smiegħ tal-kawża (art. 158, subart. 3 Kod. Proċ. Ċiv.). Minħabba dan il-preċett invarjabbli tal-liġi t-tlieta u l-erba' ta' Novembru kellhom jitħallew liberi.

Illi l-konvenuta talbet li jkollha opportunità turi li dan ir-ritard tagħha kien dovut għal raġuni tajba, u l-Qorti semgħatha fuq daqshekk;

Illi mid-depożizzjoni tal-konvenuta jirriżulta li għalkemm iċ-ċitazzjoni kienet ġiet lilha notifikata fid-19 ta' Ottubru, l-ewwel darba li hija ġiet il-Qorti tkellem lill-Avukat tal-Fqar biex titlob li tiġi ammessa għall-benefiċċju tal-patroċinju gratwitu kien fit-30 ta' Ottubru, 1965, u di più, wara nofs inhar. L-Avukat tal-Fqar effettivament ippreżentalha r-rikors dak inhar stess (fol: 8) u d-digriet relativ sar l-għada stess, ġurnata tas-Sibt, li r-Reġistru jagħlaq f'nofs inhar, u kien għalhekk li n-nota ta' l-eċċezzjonijiet ġiet preżentata fit-3 ta' Novembru, i.e., l-ewwel ġurnata ta' xogħol wara l-ammissjoni tagħha għall-patroċinju gratwitu;

Illi għalhekk kollox jiddependi f'dan il-każ fuq iċ-ċirkostanza jekk il-konvenuta kienux fi ħtija jew kolpa li ppreżentat ruħha l-Qorti daqshekk tard kiex titlob li tiddefendi l-kawża **in forma pauperis,** għaliex għal dak li jista' qatt jirrigwarda l-Avukat tal-Fqar, l-uffiċjal tal-Qorti u l-mod kif huma kkomportaw ruħhom dwar il-prattika relattiva, ma jidhirx li hemm xi negliġenza, u l-istess għandu jingħad dwar l-Avukat li ġie lilha assenjat;

Illi fil-każijiet tal-kontumaċja l-oneru tal-prova tal-ġusta causa hija fuq il-parti konvenuta li tallegaha, u trattandosi ta' materja hekk importanti għall-parti l-oħra l-ġusta causa trid tiġi ppruvata b'mod li ma jkollhiex lok għall-abbużi.

Illi fix-xhieda tagħha l-konvenuta allegat li xi erbat ijiem wara li ġiet notifikata biċ-ċitazzjoni (19 ta' Ottubru) hija kienet ġiet rikoverata fl-Isptar ta' St. Lukes. Kieku dan kien eżatt kien probabilment jimmilita favur l-konvenuta għax il-mard, jekk ikun serju u tali li ma jippermettix lil min ikun konvenut f'kawża jieħu ħsieb id-difiża tiegħu jista' jkun impediment leġittimu, (App. Inferjuri Manwel Mifsud vs. Giuseppe u Maria aħwa Fsadni, 28 ta' Settembru, 1963, u ġurisprudenza hemm ċitata), għalkemm dejjem għandha ssir distinzjoni bejn il-forma ta' kontestazzjoni fil-Qrati Inferjuri u dik fil-Qorti Superjuri. Iżda mid-depożizzjoni tat-Tabib Ellul, Superintendent ta' l-Isptar li bil-permess tal-konvenuta xehed a bażi tal-case history tagħha, jirriżulta li hija kienet ġiet ammessa fl-Isptar fl-4 ta' Ottubru, 1964 u "discharged" bħala "cured" erbat ijiem wara, iġifieri, fit-8 ta' Ottubru. Dana jfisser li meta l-konvenuta rċeviet l-att taċ-ċitazzjoni hija kienet libera biex tieħu l-passi neċessarji għad-difiża tagħha, u l-fatt li ma ġietx il-Qorti għal dak l-iskop ħlief fit-30 tax-xahar huwa palesament dovut għan-negliġenza tagħha. F'dawn iċ-ċirkostanzi, il-Qorti mhijiex imsejħa biex tindaga l-possibilità remota li seta' qatt kien hemm li fil-31 ta' Ottubru, ġurnata

tas-Sibt, l-istaff tal-Qorti seta' proprju fl-aħħar mument issib l-Avukat assenjat lil-konvenuta u javżah li n-nota kienet se tiskadi dik inhar stess, u għalhekk il-Qorti għal kwalunkwe bwon fini, tirrevoka "contrario imperio" id-digriet tagħha ta' l-4 ta' Marzu, 1965, limitatament għall-ordni fih kontenuta dwar il-produzzjoni tar-Reġistratur u ta' l-Avukat tal-Fqar billi fiċ-ċirkostanzi dina l-indaġini saret irrilevanti;

Illi kif ġie ritenut bis-sentenza fuq imsemmija fuq l-iskorta tal-ġurisprudenza miġbura fis-sentenza "Cassar vs. Vassallo", (App. Inf. 20 ta' Mejju, 1937, Koll. Vol. XXIX, i, 158) ma jistax ikun hemm ġustifikazzjoni tal-kontumaċja jekk din tkun almenu kolpuża, u l-konvenuta għandha timputa lit-traskuraġni tagħha l-fatt li l-uffiċjali kompetenti ta' dawn il-Qrati ma laħquhx il- pratika tagħha fiż-żmien permess mil-Liġi, għal kemm huma għamlu kull ma kien raġjonevolment mitlub minnhom;

Illi d-difensur tal-konvenuta issottometta li stante n-natura tal-kawża (separazzjoni personali) u l-konsegwenzi li joħorġu minnha, kif ukoll illi f'dan l-aħħar żmien il-prattika ta' dawn il-Qrati dwar il-ġustifikazzjoni tal-kontumaċja ġiet rilassata, il-Qorti għandha teżerċita id-diskrezzjoni tagħha favur il-konvenuta. Huwa però dwar it-tieni punt ma iċċita ebda preċedent li juri li dawn il-Qrati jistgħu juru benevolenza favur il-kontumaċi kolpuż. Anzi din il-Qorti jidhrilha li l-ġurisprudenza għadha kif fuq imsemmi u li x'aktarx ikun perikoluż li hija tibda tippermetti li tiddiskosta ruħha minn dik il-"praxis curiae" interpretativa tal-kliem ta' l-artikolu tal-liġi rilevanti għall-każ. Kwantu għall-ewwel argument tiegħu l-konvenuta jekk jidhrilha, għandha rimedji oħra fil-materja tas-separazzjoni.

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tiddikjara li l-konvenuta ma kellhiex raġuni tajba għar-ritard fil-preżentazzjoni tan-

nota ta' l-eċċezzjonijiet u tad-dikjarazzjoni tagħha u għalhekk hija tinsab fi stat ta' kontumaċja. Konsegwentement il-Qorti tordna l-isfilz tan-nota ta' l-eċċezzjonijiet u tad-dikjarazzjoni a fol: 10 tal-proċess. L-ispejjeż ta' dan l-inċident jitħallsu mill-konvenuta u l-kawża tibqa' differita għall-kontinwazzjoni għas-seduta tal-20 ta' Mejju, 1965.